# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 37**

**Rikors kostituzzjonali numru 383/2022/1**

**Guido Paul Pace; Prof. Simon Mercieca; Godwin Mercieca; Carmel Mercieca; Francis Mercieca; Maria Concetta Mercieca; Emily Doyle; Mario Carmelo Pace; Jane Debono; Maria Luigia *sive* Marisa Pace**

***v.***

**Awtorità tad-Djar; Aloysius *sive* Louis Urry; Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija fl-4 ta' Lulju 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tad-drittijiet tal-atturi mħarsin taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju kkundannat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas kumpens fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin

elf euro (€24,000). Fl-appell tiegħu l-Avukat tal-Istat iressaq ħames aggravji li jolqtu: i) dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat illi l-Avukat tal-Istat huwa kontradittur leġittimu fil-proċeduri tallum; ii) is-sejbien ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi; iii) iż-żmien relevanti għall-għanijiet tal-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti; u iv) il-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Ir-rikorrenti wirtu l-fond … mingħand John Mercieca permezz ta' testment tas-6 ta' April 2021 magħmul f'Torontom Ontario, Kanada li permezz tiegħu ħatar eredi f'ishma indaqs bejniethom *ossia* kwint indiviż lir-rikorrenti Simon, Godwin u Carmelino aħwa Mercieca, kwint indiviż lir-rikorrenti Francis Mercieca, kwint indiviż lir-rikorrenti Maria Concetta Mercieca, kwint indiviż lir-rikorrenti Emily Doyle u kwint indiviż lir-rikorrenti Mario Carmelo, Guido, Jane Debono u Maria Luiga aħwa Pace. John Mercieca miet fl-1 ta' Lulju 2021.
>
> »Il-proprjetà in kwistjoni kienet ġiet assenjata lil John Mercieca permezz ta' att ta' diviżjoni bejn il-ħames aħwa ppubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras tat-2 ta' Diċembru 2002.
>
> »Permezz ta' ordni ta' rekwiżizzjoni numru 30793 maħruġ fis-7 ta' Jannar 1974 il-fond ġie rekwiżizzjonat taħt il-Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta u ġie allokat lil Hilda Urry, omm l-intimat. Kien hemm ordni ta' rekwiżizzjoni oħra bin-numru 30793 fit-12 ta' Frar 1975 u l-fond ġie allokat lil Martin Urry – missier l-intimat.
>
> »Il-fond in kwistjoni ġie derekwiżizzjonat fl-10 ta' Diċembru 1979 iżda l-intimat baqa' jokkupa l-fond b'titolu ta' kera.«

3. Billi dehrilhom li dan kien bi ksur tad-dritt tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u minħabba l-ordni ta' rekwiżizzjoni *de quo*, u minħabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta, teżisti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u li l-effetti ta' tali ordni ta' rekwiżizzjoni għadhom sallum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kost-ituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti;
>
> »s. konsegwentement tiddikjara … illi l-lokazzjoni tal-fond … proprjetà tar-rikorrenti, a favur tal-intimat Aloysius *sive* Louis Urry tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewoprea u tal-artikolu 37 tal-Kostit-

uzzjoni ta’ Malta u b’hekk tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkanċellaw għall-effetti kollha tal-liġi ir-rekwiżizzjoni relattiva, *oltre* rimedji oħra li din il-qorti jidhrulha xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti jiġu rrintegrati fil-pussess u ġodiment sħiħ u reali ta’ ħwejjiġhom, primarjament billi l-istess intimat Aloysius *sive* Louis Urry jiġi żgumbrat mill-fond imsemmi u r-rikorrenti rrintegrati fil-pussess u ġodiment sħiħ ta’ ħwejjiġhom;

»3. tiddikjara … illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b’konsegwenza tar-rekwiż-izzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk ta’ l-inkwilini, *stante* illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni;

»4. illikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, *ai termini* tal-liġi;

»5. tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jħallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati *ai termini* tal-liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»1. … … … ir-rikorrenti jridu jġibu prova:

»a. tat-titolu li għandhom fuq il-fond … … …; u

»b. tal-allegat ordni ta’ rekwiżizzjoni u prova konvinċenti li r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-inkwilini hija tabilħaqq regolata bil-Kap. 125 tal-Liġijiet ta’ Malta.

»2. Safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq l-ordni ta’ rekwiżizzjoni, dan ma jistax iwieġeb għalih l-Avukat tal-Istat minħabba li huwa qatt ma ħareġ tali ordni. Fuq kollox ilmenti li jolqtu l-ordnijiet ta’ rekwiżizzjoni jaqgħu f’ħoġor l-Awtorità tad-Djar, li skont l-artikolu 24 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261 tal-Liġijiet ta’ Malta) ħadet id-drittijiet, obbligi, funzjonijiet u assi li qabel kienu jmissu lid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali.

»3. Dejjem bla ħsara għall-premess, jekk ir-rikorrenti qed jgħidu li l-ordni ta’ rekwiżizzjoni nħarġet abbużivament jew inħarġet b’mod illegali bi ksur tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta’ Malta, allura huma messhom attakkaw l-ordni ta’ rekwiżizzjoni b’kawża normali u mhux b’kawża kostituzzjonali. Mhux hekk biss, jekk kemm-il darba r-rikorrenti ma ridux joqgħodu ghall-allokazzjoni magħmula favur l-inkwilina, huma dejjem kellhom il-jedd li joġġezzjonaw ghal dik l-allokazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-artikolu 8 tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta’ Malta.

»4. Dejjem mingħajr ebda preġudizzju għal dak fuq imsemmi, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-esponent jissottometti li dan huwa ghalkollox improponibbli, għaliex il-Kap. 125 tal-Liġijiet ta’ Malta bħala liġi eżistenti qabel l-1962 jinsab protett u mħares bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. L-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi testwalment li “Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta’ din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta’ xi liġi fis-seħħ minnufih

qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f' dan is-subartikolu) …".

»5. Dejjem mingħajr ħsara għall-premess, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għandu jingħad li skont il-*proviso* ta' dan l-istess artikolu, l-istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għal ħarsien tal-interess ġenerali. Fil-każ tagħna ma hemmx dubju li l-liġi ta' rekwiżizzjoni taqdi għanijiet leġittimi fl-interess ġenerali u mill-aspett legali tagħha r-rikorrenti m'għandhomx raġun li jikkontestawha.

»6. Ladarba ma seħħ l-ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali, kull talba mressqa mir-rikorrenti għar-rimedju għandha tiġi miċħuda.«

5. Wieġbu wkoll l-Awtorità tad-Djar u l-konvenut Urry

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza;

»2. teħles mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimata Awtorità tad-Djar;

»3. tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u dawk li rriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, u minħabba d-disposizzjonijiet tal-Kap.69 tal-Liġijet ta' Malt,a seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imħarsa bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Umani mis-sena 1987 sas-sena 2021;

»4. tilqa' in parti t-tieni talba u tiddikjara illi l-kirja tal-fond … proprjetà tar-rikorrenti favur l-intimat Aloysius *sive* Louis Urry kisret id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea bejn is-sena 1987 sas-sena 2021;

»5. tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin *stante* li l-kera pagabbli ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni;

»5. tilqa' r-raba' u l-ħames talba u tillikwida l-kumpens fis-somma ta' €23,000 bħala danni pekunjarji u s-somma ta' €1,000 bħala danni mhux pekunjarji li għandhom jinqasmu bejn ir-rikorrenti kif spjegat taħt il-Kap 'Likwidazzjoni ta' Kumpens' u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali ta' 8% fis-sena mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

»Bl-ispejjeż a kariku tal-Avukat tal-Istat.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha sa fejn relevanti għall-appell ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Talbiet ibbażati fuq il-Kap. 125

»Din hija kawża li permezz tagħha r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-qorti tiddikjara ksur tad-dritt tat-tgawdija tal-proprjetà skont l-art. 37 Kost. u art. 1, Prot. 1 tal-Konv. Ewropea għad-Drittijiet Umani u kumpens minħabba kera allegatament esigwu ta' dar tagħhom f'Raħal Ġdid b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Kap. 125 kontriehom. Irriżulta mill-atti tal-proċess illi tali fond ġie derekwiżizzjonat fis-sena 1979. Skont l-intimat Avukat tal-Istat, wara din id-data, ma baqgħatx regolata bil-Kap. 125.

»Il-Kap. 125 huwa protett mill-art. 47(9) tal-Kostituzzjoni li teżenta mill-effetti tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' kull liġi fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962. B'danakollu mhuwiex protett ukoll mid-disposizzjonijiet Konvenzjonali, li iżda għadhom effett biss, għal dak li għandu x'jaqsam mal-Ewwel Protokoll, mit-30 t'April 1987 (art. 7 Kap. 319).

»L-Avukat tal-Istat isostni li wara l-1979 il-Kap. 125 mhux iktar applikabbli. It-talbiet tar-rikorrent huma kollha msejsa fuq dan il-Kap.; *ergo* t-talbiet tiegħu ma jistgħux jintlaqgħu wara d-derekwiżizzjoni; la fuq il-Kostituzzjoni u lanqas fuq il-Kap 319.

»Il-qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament.

»Jibda biex jingħad illi minkejja li l-kawżi dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem qegħdin isiru bil-gżuż, huma xorta waħda jibqgħu proċeduri speċjali, maħsubin biex jagħtu rimedji idoneji bl-ikbar ħeffa. Għalhekk "jippermettu ċertu flessibilità proċedurali li f'kawżi ordinarji ma niltaqgħux magħha", tant illi:

»(1) Hemm formalitajiet mill-inqas u l-imħallef għandu diskrezzjoni wiesgħa, basta jiżgura li jitħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, inkluż li jagħti kull opportunità lill-intimat jiddefendi ruħu kontra t-tibdiliet li jsiru wara t-talbiet oriġinali tar-rikorrent;

»(2) Il-qorti mhix marbuta bil-provvedimenti kostituzzjonali li jiċċita l-applikant[1];

»(3) tista' tagħti rimedju mhux mitlub mill-applikant, tant li skont art. 46(2) tal-Kostituzzjoni l-qorti "tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna". Fi kliem ieħor il-qorti tista' saħansitra tipprovdi *ultra vires*;

»(4) Skont reg. 7 ta' L.S. 12.09, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 jgħoddu biss safejn kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' reg. 3 ta' L.S.

[1] »Edwin Bartolo *v.* Acting Registrar of Courts, 15.02.1991, Qorti Kostituzzjonali LXXV.i.84«

12.09. Tabilħaqq, id-disposizzjonijiet tal-kodiċi ritwali huma liġi ġenerali; dawk ta' L.S. 12.09 huma liġi speċjali u partikolari għal proċeduri dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem u għalhekk tat-tieni jipprevalu fuq tal-ewwel skont il-prinċipju li *lex specialis derogat legi generali*;

»(5) Huwa intuwittiv illi jekk titbiddel ir-raġuni tat-talba, jista' jkun li tkun qiegħdha tinbidel ukoll is-sustanza tal-azzjoni u dan jista' ma jkunx possibbli taħt l-art. 175 Kap 12. Billi r-raġuni tat-talba mhix rikjesta, hemm inqas xkiel għal tibdil fir-rikors promotur. Barra minn hekk, dejjem skont l-imsemmi reg. 3(5), anke l-fatti allegati jistgħu jiġu mibdula – ħaġa li wkoll tista' twassal għal bdil fis-sustanza tal-azzjoni, anke għaliex huwa mill-fatti li l-qorti tislet liema hu d-dritt allegatament miksur; id-dritt javvera ruħu meta jseħħu fir-rejaltà ċerti fatti li l-liġi tikkontempla biss b'mod ipotetiku. Mibdulin il-fatti sostanzjali neċess-arjament jinbidel id-dritt applikabbli.

»L-ordni tar-rekwiżizzjoni ntemmet fil-1979; ferm qabel id-dħul fis-seħħ tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni fil-1987, u għalhekk lanqas tista' tintlaqat mid-disposizzjonijiet tagħha.

»Applikabilità tal-Kap. 69

»… … …

»Fil-każ preżenti, l-Avukat tal-Istat stess jagħraf li wara d-data tad-derekwiżizzjoni beda japplika l-Kap. 69. Jekk il-qorti tibbaża t-talba fuq dan il-Kap. minflok il-Kap. 125 li fuqu jibbaża t-talbiet tiegħu r-rikorrent, il-fatti allegati sejrin jibqgħu l-istess: l-okkupazzjoni ta' post b'korris-pettiv ferm baxx. It-talbiet baqgħu l-istess: ksur ta' jedd fundamentali tal-proprjetà u rimedju appożitu. Il-*causa petendi* fis-sens tal-fatti-speċje bażi tad-dritt pretiż ma tinbidilx. Kull ma qiegħed jinbidel huwa l-kwalifikazzjoni ġuridika tal-fatti: minn rekwiżizzjoni għal korrispettiv taħt il-liġi tal-kera.

»Dan it-tagħlim ċertament japplika għall-proċeduri dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

»... … …

»Kera xieraq u teħid lura tal-fond:

»L-Avukat tal-Istat permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu, u l-intimat Urry permezz ta' parti mir-raba' eċċezzjoni tiegħu, issollevaw in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji u dan taħt il-liġi ordinarja (Kap 4A tal-Kap 69) li jiffakoltizzaw li l-kera ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t'abitazzjoni. Tabilħaqq tajjeb jew ħażin dan l-artiklu pprova joħloq bilanċ bejn l-inkwilin u sid-il kera, u fil-każijiet hemm imsemmija jista' jwassal saħansitra għat-tmiem tal-kirja. Il-konvenut jeċċepixxi li r-rikorrenti ma tistax aktar tilmenta mill-fatt li l-kirja ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Dan għaliex hija tista' titlob lill-Bord li jirregola l-Kera li l-kera tiġi miżjuda għal ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija fis-sena tal-valur ħieles tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha tiġi mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera.

»Jirriżulta li bil-liġijiet fis-seħħ qabel il-promulgazzjoni tal-Att XXVII tal-2018 u l-Att XXIV tal-2021, il-kera li r-rikorrenti setgħu jitolbu min-għand l-intimati qatt ma setgħet tkun waħda li jitqabbel mal-prezzijiet tal-kera fis-suq ħieles, u lanqas ma setgħu jitolbu li dan il-fond jintradd

Iura lilha għajr f'dawk is-sitwazzjonijiet speċifiċi kkontemplati fil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Barra minn hekk, f'deċiżjoni fl-ismijiet Ian Peter Ellis *v.* Avukat Ġenerali, il-qorti kienet osservat li l-Bord tal-Kera hu marbut li jiffissa l-kera skont il-liġi, liema kera hija baxxa meta mqabbla mal-kera fis-suq u li r-ripreża tal-fond mikri kienet remota.

»Ir-rata ta' kera ta' bħalissa hija ġeneralment meqjusa bir-rata ta' 3.5% tal-valur kummerċjali tal-proprjetà. L-Att XXIV.2021 jagħti d-dritt sa massimu ta' 2%. Tenut kont tal-ġurisprudenza tal-qorti ta' Strasburgu, li l-kera li s-sid huwa intitolat għalih huwa inqas minn dik kummerċjali minħabba l-kunsiderazzjoni soċjali tal-ħarsien tal-akkomodazzjoni residenzjali, din ir-rata hija waħda ġusta u għalhekk mid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-liġijiet tal-kera *de quo agitur* m'għadhomx jiksru d-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-proprjeta`.

»Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea

»Tassew li l-Kostituzzjoni u l-Konnvenzjoni tagħtu marġini ta' apprezzament wiesa' lill-istati membri biex jilleġiżlaw [*sic*] sabiex jikkontrollaw l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali, iżda huwa daqstant ieħor stabbilit li dan l-eżerċizzju jrid isir b'mod proporzjonali. L-isproporzjon f'dan il-każ huwa lampanti u dan jidher mir-rapport tal-perit tekniku.

»Il-qorti iżda ssib ksur tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja iżda mhux tal-Kostituzzjoni, billi l-Kap 69 huwa wkoll protett mid-disposizzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħha.

»... … …

»Likwidazzjoni ta' kumpens

»Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €145,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1987 sa 2021 tela' minn €475 għal €3,618.

»Fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropeja, Cauchi *v.* Malta tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjetà kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-ewwel qorti fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil.

»Din il-qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-fatt waħdu li sidien il-kera jkunu damu s-snin qabel ma fittxew rimedju m'huwiex rilevanti għall-finijiet tal-kumpens pekunjarju (ara per eżempju sentenza John Pace *v.* Avukat tal-Istat et tat-28 ta' Jannar 2021), u li semmai jista' jkollu konsegwenza biss fil-każ ta' kumpens non-pekunjarju.

»Bħala konsegwenza tal-fatt li l-istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropea, l-istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju li jammonta għal tlieta u għoxrin elf euro (€23,000) li għandu jinqasam in kwantu għal €4,600 lir-rikorrenti Simon, Godwin u Carmelino aħwa Mercieca, €4,600 lir-rikorrenti Francis Mercieca, €4,600 lir-rikorrenti Maria Concetta Mercieca,

€4,600 lir-rikorrenti Emily Doyle u €4,600 lir-rikorrenti Mario Carmelo, Guido, Jane Debono u Maria Luiga aħwa Pace. Dan l-ammont inħadem konformement mal-prinċipji suesposti kif ġej:

| »mis-sena | sas-sena | valur lokatizzju | kera mħallsa |
|---|---|---|---|
| »1987 | 1991 | (€475 x 5) €2,375 | |
| »1992 | 1996 | (€667 x 5) €3,335 | |
| »1997 | 2001 | (€935 x 5) €4,675 | |
| »2002 | 2006 | (€1,311 x 5) €6,555 | |
| »2007 | 2011 | (€1,839 x 5) €9,195 | |
| »2012 | 2016 | €2,580 x 5) €12,900 | |
| »2017 | 2021 | (€3,618 x 5) €18,090 | |
| »Total | | €57,125 | €4,000 |

»<u>1987 – 2002</u>

»€11,696 - €1,828.57 = €9,867.43

»€9,867.43 – 35% = €6,413.83

»€6,413.83 – 20% = €5,131.06/5 = €1,026.21

»<u>2003 – 2021</u>

»€45,429 - €2,171.43 = €43,257.57

»€43,257.57 – 35% = €28,117.42

»€28,117.42 – 20% = €22,493.94

»**Total**: €1,026.21 + €22,493.94 = €23,520.15 - €23,000

»Il-Qorti sejra tillikwida d-dannu morali fis-somma ta' €1,000 li għandhom jinqasmu fl-ismha rispetttivi tar-rikorrenti.«

8. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors tal-21 ta' Lulju 2023 li għalih wieġbu l-atturi fit-28 ta' Lulju 2023, il-konvenut Urry fid-9 t'Awissu 2023 u l-Awtorità tad-Djar fil-25 t'Awwissu 2023.

9. L-ewwel aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat illi l-Avukat tal-Istat huwa kontradittur leġittimu fil-każ tallum, u ġie mfisser hekk:

»L-Ewwel Aggravju – L-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur għall-vertenza u kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju

»Mhuwiex kontestat li l-fond mertu tal-kawża kien milqut minn ordni ta' rekwiżizzjoni fis-7 ta' Jannar 1974 u sussegwentement ġie derekwiż-izzjonat fl-10 ta' Diċembru 1979.

»Huwa paċifiku wkoll illi t-talbiet attriċi huma diretti lejn allegat ksur tad-drittijiet tagħhom minħabba t-tħaddim tal-istess ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta.

»L-istat ħoloq l-awtoritajiet proprju sabiex ikollu entitajiet awtonomi u speċjalizzati li jkunu jistgħu jmexxu s-setturi vari u tekniċi fil-pajjiż. F'kawżi fejn ikun hemm awtorità li tieħu ħsieb li toħroġ ordni jew permess jew liċenza, jew f'kawżi fejn sar esproprju, hija l-Awtorità inkarigata li tinstab responsabbli. In fatti, fis-sentenza Maurice Pisani *v.* L-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-20 ta' Lulju 2020, l-Awtorità tal-Artijiet instabet responsabbli għall-ksur tad-drittijiet fundamentali, ad esklużjoni tal-esponent li ma nstab ħati tal-ebda ksur u lanqas ma weħel l-ispejjeż tal-kawża.

»Kwindi, peress li l-esponent mhux l-awtorità kompetenti sabiex joħroġ ordnijiet ta' rekwiżizzjoni, l-esponent jirribatti li huwa ma jistax iwieġeb għal allegat ksur ta' drittijiet fundamentali meta dan l-allegat ksur hu kjarament marbut ma' azzjonijiet li ma ttiħdux mill-Avukat tal-Istat.

»Konsegwentement, l-Avukat tal-Istat kellu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju … … …«

10. Ma huwiex għalkollox minnu dak li jgħid l-Avukat tal-Istat illi "... t-talbiet attriċi huma diretti [biss] lejn allegat ksur tad-drittijiet tagħhom minħabba t-tħaddim tal-istess ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta"; l-ewwel talba tal-atturi hija msejsa wkoll fuq "iċ-ċirkostanzi u fatti" kollha msemmijin fir-rikors promotur tagħhom, fosthom illi "l-effetti li tali ordni ta' rekwiżizzjoni għadhom sa llum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti".

11. Iċ-ċirkostanzi tal-każ tallum għalhekk huma differenti minn dawk li seħħew fil-każ ta' *Gevimida Limited v.* L-Avukat Ġenerali *et*, ċitata mill-appellant, fejn it-talbiet kienu limitati ħafna u diretti biss u speċifikament lejn il-ksur li ġarrbet l-attriċi f'dik il-kawża minn meta nħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni sakemm tneħħiet. Fil-każ tallum l-atturi jilmentaw dwar il-kera kontrollat li kienu jirċievu minn meta nħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni 'l quddiem u jgħidu li ġarrbu dan il-ksur mhux biss meta l-ordni kienet għadha fis-seħħ

iżda wkoll wara li tneħħiet minħabba t-tħaddim tal-liġijiet li ma kinux jippermettu lis-sidien jirċievu kera xieraq[2].

12. Minn dan kollu jsegwi li l-Avukat tal-Istat huwa ċertament kontradittur leġittimu fil-proċeduri tallum u huwa hu li għandu jwieġeb jekk bit-tħaddim tal-liġi tal-istat li hu jirrappreżenta l-proprjetà tal-atturi baqgħet mgħobbija b'kirja kontrollata wkoll wara li tneħħiet l-ordni ta' rekwiżizzjoni.

13. Relevanti għalhekk għall-każ tallum huwa dak li qalet din il-qorti fis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet Antonio Zammit *et v.* Avukat tal-Istat *et* (rik. nru 144/2021:

> »41. Tassew illi l-ordnijiet ta' rekwiżizzjoni nħarġu mis-Segretarju tad-Djar, predeċessur tal-awtorità konvenuta. Iżda l-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti hawn seħħ ukoll minħabba fil-liġijiet li jikkontrollaw il-kera u li ma ħallewx illi s-sidien jitħallsu kera xieraq. Fil-fatt ma ntweriex illi s-setgħa ta' rekwiżizzjoni, *per se*, hija bi ksur tad-drittijiet tas-sidien, jew illi ma kienx meħtieġ fiċ-ċirkostanzi soċjali taż-żmien relevanti li jinħarġu l-ordnijiet, jew li ma kienx hemm ħtieġa soċjali fil-każijiet partikolari. Għalkemm l-awtorità tħarrket sew, għax kien il-predeċessur tagħha li għabba l-proprjetajiet b'kirjiet kontrollati, iżda ċertament għandu jkun parti wkoll l-Avukat tal-Istat billi huwa dan illi jwieġeb meta l-ksur ta' drittijiet iseħħ minħabba fit-tħaddim ta' liġi, speċifikament f'dan il-każ il-liġi li tikkontrolla l-kera. … … …« [3]

14. Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-Avukat tal-Istat huwa miċħud.

15. It-tieni u t-tielet aggravji huma marbutin ma' xulxin, u għalhekk inqisuhom flimkien.

---

2 Ara, f'dan is-sens, fost oħrajn, Gevimida Limited *v.* L-Avukat Ġenerali *et*, Kost. 8 ta' April 2024 (rik. nru 18/2019); Maria Gialanzè *v.* Anthony Aquilina *et*, Kost. 12 ta' Lulju 2023 (rik. nru 76/20).

3 Ara wkoll Alexander Xuereb *et v.* Avukat tal-Istat *et*, Kost. 29 ta' Marzu 2023, rik. nru 155/2020.

16. It-tieni aggravju jolqot is-sejbien ta' ksur tad-drittijiet tal-atturi minħabba t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li tirreġola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] , u ġie mfisser hekk:

> »It-Tieni Aggravju – L-ewwel qorti ma setgħetx tiddeċiedi dwar allegat ksur riżultat ta' dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 meta r-rikorrenti appellati talbu dikjarazzjoni ta' ksur abbażi tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk dik il-parti tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti hija *ultra petita* u *extra petita*
>
> »… … … Il-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta mhux applikabbli għall-kirja mertu tal-kawża odjerna, iżda kien japplika l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »L-ewwel qorti, fil-waqt li kkunsidrat li l-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta ma baqax iżjed applikabbli wara d-derekwiżizzjoni, ikkunsidrat illi xorta waħda tista' teżamina jekk il-liġi applikabbli, u *cioè* d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, humiex leżivi għad-drittijiet tal-appellati, u dan minħabba l-flessibilità tal-qrati ta' setgħa kostituzz-jonali.
>
> »L-esponent umilment jissottometti illi l-flessibilità tal-qrati ta' setgħa kostituzzjonali mhijiex bla limitu.
>
> »Għalkemm huwa magħruf u aċċettat illi l-qrati ta' setgħa kostituzzjon-ali jistgħu jsibu ksur ta' drittijiet fundamentali oħra tar-rikorrenti li ma jkunux issemmew fir-rikors promotur, kif fil-fatt hija r-regola wkoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, dan ma jfissirx illi l-qrati jistgħu ukoll jagħmlu eżami ta' ksur tad-drittijiet fundamentali liema ksur allegatament nibet minn xi miżura jew liġi oħra li mhuwiex qiegħed isemmi r-rikorrenti.
>
> »L-ewwel qorti m'għamlitx din id-distinzjoni. Hija tgħid … illi "(2) il-qorti mhix marbuta bil-provvedimenti kostituzzjonali li jiċċita l-applikant" u tiċċita s-sentenza <u>Edwin Bartolo *v.* Acting Registrar of Courts</u> 15.02.1991 Qorti Kostituzzjonali LXXV.i.84 f'dan ir-rigward. Però, minn qari ta' din is-sentenza jidher ċar illi dak li kkunsidrat kien proprju li "l-ġudikant mhux marbut li joqgħod biss għal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrent għal dak li hija l-indikazzjoni preċiża ta' l-artikoli kostituzzjonali li jiddelinejaw id-drittijiet fundamentali tiegħu".
>
> »B'hekk, għalkemm mhuwiex meqjus *ultra petita* jekk il-qrati ta' setgħa kostituzzjonali jeżaminaw il-fatti allegatament leżivi tad-drittijiet fundamentali mil-lat ta' xi drittijiet fundamentali oħra li mhumiex imsemmija fir-rikors promotur, dan ma jestendix għal eżami ta' fatti oħra (li jistgħu ikunu miżuri jew provvedimenti ta' liġijiet) li mhumiex imsemmija fir-rikors promotur.
>
> »Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Wakil Mohamed Samir *v.* L-Onorevoli Prim Ministru *et*</u> (45/2008, deċiża 14 ta' Frar 2011) fejn ġie kkunsidrat:
>
>> »"… li l-Kostituzzjoni riedet mill-inqas formaliżmu possibbli f'dak li jirrigwarda ksur ta' drittijiet fondamentali u li wieħed imur għas-sustanza. Dan tagħmlu anke l-qorti ta' Strasbourg meta, minkejja

> li applikant ikun ikkwota artikolu, hi jidhrilha li jkun japplika artikolu ieħor."

»Difatti l-qorti fi Strasburgu tħaddan l-istess flessibilità – *"a complaint is characterised by the facts alleged in it and not merely by the legal grounds or arguments relied on"* (*Guerra and Others v. Italy*, 19 Frar 1998, para 44). Però, wieħed m'għandux jagħmel l-iżball li għax il-fatti allegati jkunu jirreferu għal tħaddim ta' liġi nazzjonali, dan ifisser li l-qorti mhijiex marbuta bihom u tista' ssib ksur abbażi ta' tħaddim ta' liġi nazzjonali oħra. Il-qQorti fi Strasburgu ċertament mhijiex konsapevoli tal-liġijiet nazzjonali kollha għajr dawk li jkunu ġew ċitati lilha bħala allegatament leżivi tad-drittijiet fundamentali tal-applikant/i.

»Dan kollu ġie spjegat fit-tul u fid-dettal fil-kawża <u>Radomilja and Others *v*. Croatia</u> (*applications no. 37685/10 and 22768/12*, 20 ta' Marzu 2018) fejn il-QEDB kkunsidrat illi: "*This finding suggests that the scope of a case 'referred to' the Court in the exercise of the right of individual application is determined by the applicant's complaint or 'claim' – which is the term used in Article 34. ... The wording of Article 34 indicates that a 'claim' or complaint in Convention terms comprises two elements, namely factual allegations (i.e. to the effect that the claimant is the 'victim' of an act or omission – see Eckle v. Germany, 15 July 1982, para 66, Series A no. 51) and the legal arguments underpinning them (i.e. that the said act or omission entailed a 'violation by [a] Contracting Party of the rights set forth in the Convention or the Protocols thereto'*). B'hekk ikkonkldudiet:

> »"(β) The Court's powers in examining an application and limits thereto
>
> »"123. As the above analysis shows, the scope of a case before the Court remains circumscribed by the facts as presented by the applicant. If the Court were to base its decision on facts not covered by the complaint, it would rule beyond the scope of the case and exceed its jurisdiction by deciding matters which were not "referred to" it, within the meaning of Article 32 (see paragraph 106 above). In such situations the question of respect for the principle of equality of arms might also arise.
>
> »"124. Conversely, the Court would not be deciding outside the scope of a case if it were, by applying the *jura novit curia* principle, to recharacterise in law the facts being complained of by basing its decision on an Article or provision of the Convention not relied on by the applicants.
>
> »"125. It goes without saying that the Court cannot, by resorting to the *jura novit curia principle*, adopt a judgment which would go beyond (*ultra petita*) or outside (*extra petita*) what has been referred to it.
>
> »"(γ) Conclusion
>
> »"126. Against the background of all the considerations outlined above, it can be concluded that the scope of a case "referred to" the Court in the exercise of the right of individual application is determined by the applicant's complaint. A complaint consists of two elements: factual allegations and legal arguments. By virtue of the *jura novit curia* principle the Court is not bound by the legal grounds adduced by the applicant under the Convention and the Protocols thereto and has the power to decide on the

characterisation to be given in law to the facts of a complaint by examining it under Articles or provisions of the Convention that are different from those relied upon by the applicant. It cannot, however, base its decision on facts that are not covered by the complaint. To do so would be tantamount to deciding beyond the scope of a case; in other words, to deciding on matters that have not been "referred to" it, within the meaning of Article 32 of the Convention."

»Fi kliem ieħor, dawn is-sentenzi juru li l-interpretazzjoni tal-flessibilità tal-qrati kostituzzjonali u saħansitra tal-qorti fi Strasburgu dejjem kienet fir-rimedju mogħti għall-ksur tad-drittijiet fundamentali, li jista' jkun rimedju anke għal ksur ta' xi artikoli li ma ġewx imsemmija, iżda dan dejjem fl-ambitu u limitu tal-fatt, miżura jew provvediment ta' liġi nazzjonali li r-rikorrent ikun qiegħed jitlob li jiġu eżaminati u dikjarati bħala leżivi.

»Għalhekk, ġaladarba dak li kienu qiegħdin jitolbu r-rikorrenti fir-rikors promotur kien illi tinstab leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom "minħabba r-rekwiżizzjoni *de quo* u minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta", ġaladarba l-ewwel qorti sabet illi wara d-derekwiżizzijoni ma baqgħax japplika l-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda semmai kien beda japplika l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, hija ma setgħetx issib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minħabba t-tħaddim ta' provvedimenti ta' liġi li ma ġewx riferuti lilha;«

17. Fit-tielet aggravju l-Avukat tal-Istat imbagħad igħid illi, bħala konsegwenza ta' dak li jingħad fit-tieni aggravju, l-ewwel qorti ma setgħetx issib ksur minħabba t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69:

»It-Tielet Aggravju – L-ewwel qorti ma kellhiex tipprovdi rimedju għal ksur wara s-sena 1987, u għalhekk ma kellha tipprovdi ebda rimedju

»Fid-dawl tat-tieni aggravju, ġaladarba l-ewwel qorti ma setgħetx issib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti abbażi ta' fatti diversi minn dawk imsemmija minnhom fit-talbiet fir-rikors promotur, hija ma kellhiex tipprovdi rimedju u takkorda kumpens abbażi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minħabba t-tħaddim tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Fi kliem ieħor, l-ewwel qorti setgħet teżamina biss dak li seħħ tul ir-rekwiżizzjoni u qabel id-derekwiżizzjoni, u *cioè* l-perjodu bejn is-sena 1974 u s-sena 1979.

»L-ewwel qorti kienet korretta meta qieset illi:

»"l-Kap. 125 huwa protett mill-art. 47(9) tal-Kostituzzjoni li teżenta mill-effetti tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' kull liġi fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962. B'danakollu mhuwiex protett ukoll mid-disposizzjoni-jiet konvenzjonali, li iżda għadhom effett biss, għal dak li għandu x'jaqsam mal-Ewwel Protokoll, mit-30 t'April 1987 (art. 7 Kap. 319)."

»Madanakollu l-esponent huwa tal-umli fehma li wara din id-data, xorta waħda l-qorti kellha teżmina l-lanjanza fil-parametri ta' dak li fuqu

kienet mibnija l-vertenza, u *cioè* ksur ta' drittijiet fundamentali (huma li huma) minħabba t-tħaddim tal-Kap. 125 u r-rekwiżizzjoni.

»Ġaladarba l-ewwel qorti sabet li "l-ordni ta' rekwiżizzjoni ntemmet fil-1979, ferm qabel id-dħul fis-seħħ tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni fil-1987, u għalhekk lanqas tista' tintlaqat mid-disposizzjonijiet tagħha", hija ma setgħetx tipprovdi rimedju abbażi ta' leżjoni allegatament kreata minn tħaddim ta' provvediment ieħor tal-liġi liema allegazzjoni ma tressqitx mir-rikorrenti.

»Għalhekk, l-esponent iqis illi l-ewwel qorti ma setgħetx tipprovdi rimedju "minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suespost u dawk li rriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, u minħabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imħarsa bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Umani mis-sena 1987 sas-sena 2021", fosthom billi tillikwida kumpens fis-somma ta' €23,000 bħala danni pekunjarji u s-somma ta' €1,000 bħala danni mhux pekunjarji.«

18. Li qiegħed igħid ħażin l-Avukat tal-Istat huwa illi s-sejbien ta' ksur mill-ewwel qorti kien imsejjes fuq fatti li ma ssemmewx mill-atturi fir-rikors tagħhom, għax l-ilment tal-atturi huwa wkoll illi "l-kera li imponewlhom li jirċievu ma kienx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali għad-drittijiet tagħhom bħala sidien", li jfisser li essenzjalment l-ilment tagħhom hu l-*quantum* tal-kera li, wara d-derekwiżizzjoni, baqa' regolat bil-Kap. 69 li bis-saħħa tiegħu "l-effetti ta' tali ordni ta' rekwiżizzjoni għadhom sal-lum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti". Fil-fatt, waqt li miexja l-kawża u fin-noti ta' sottomissjonijiet quddiem l-ewwel qorti l-partijiet qablu li wara l-ħruġ tal-ordni ta' derekwiżizzjoni il-kirja kienet tintlaqat bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69.

19. Dan hu biżżejjed għall-għanijiet tar-reg. 3(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni ["L.S. 12.09"] li, dwar x'inhu meħtieġ f'rikors għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, igħid hekk:

»Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkun fih, b'mod konċiż u ċar, il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment u għandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu ġew, li jkunu qed jiġu jew li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura.

»(2) Ir-rikors għandu jispeċifika wkoll ir-rimedju mitlub mir-rikorrent.«

20. Barra minn hekk, l-Avukat tal-Istat imkien ma jgħid illi, likieku l-atturi ressqu l-ilment tagħhom taħt il-Kap. 69, huwa kien sejjer jassumi posizzjoni differenti jew iqajjem xi linja difensjonali ġdida.

21. Relevanti huwa dak li qalet din il-qorti, għalkemm f'kuntest differenti, fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet <u>Emanuel Caruana *v.* Avukat tal-Istat *et*</u> (rik. nru 20/2020):

»13. Din il-qorti ma taqbilx li l-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel is-sustanza tal-kawża intavolata minnu. Il-kawża tal-attur hija bbażata fuq il-fatt li huwa qed isofri ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba t-titolu ta' inkwilinat protett tal-konvenuti Zammit, u partikolarment ir-restrizzjoni stabbilita fil-liġi dwar il-kera pagabbli minnhom. Il-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel biss is-sors tal-liġi li allegatament toħloq din il-protezzjoni għall-inkwilini Zammit u l-allegat konsegwenti ksur ta' drittijiet fondamentali tiegħu.

»14. Il-qorti tkompli billi tosserva li, *nonostante* l-korrezzjoni proposta mill-attur, il-provi tal-partijiet x'aktarx ser jibqgħu eżatt l-istess, partikolarment f'dak li jirrigwarda ir-relazzjoni tal-perit tekniku, u saħansitra d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu dwar il-mertu tal-kawża li tista' titħalla għas-sentenza. Ikkonsidrat li jekk it-talba tal-attur għall-korrezzjoni ma tiġix milqugħa l-kawża tista' tiġi riproposta minnu; il-qorti tqis li ma jkunx fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-partijiet stess li t-talba tal-attur għall-korrezzjoni ma tiġix milqugħa b'mod li l-partijiet ikollhom jerġgħu jinkorru għall-darba oħra l-ispejjeż kollha diġà inkorsi minnhom.«

22. Każ ieħor analogu huwa dak fl-ismijiet <u>Mary Azzopardi *et v.* Awtorità tad-Djar *et*</u> (rik. nru 207/19) fejn din il-qorti qalet hekk:

»15. Din il-qorti taqbel mal-appellanti illi l-ewwel qorti kienet żbaljata meta ċaħdet it-talbiet kollha tagħhom għaliex ma ssemmiex il-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rikors tagħhom. Fil-fehma ta' din il-qorti, ma

> kienx meħtieġ għall-atturi li jimpunjaw il-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta innifsu. Kien b'effett tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni illi l-atturi tpoġġew fis-sitwazzjoni illi skont huma hija leżiva tad-drittijiet fondamentali tagħhom. Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħat legalment teżamina u tiddetermina l-ilment tal-atturi, u dan minkejja illi l-ilment m'huwiex ibbażat ukoll fuq il-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dan isegwi illi dan l-aggravju tal-atturi għandu mis-sewwa u qed jiġi milqugħ.«

23. Tassew illi t-tfassil tar-rikors promotur tal-atturi sar mingħajr wisq attenzjoni għall-preċiżjoni u xejn ma hu ideali – tendenza li sfortunatament spiss timmanifesta ruħha f'dan it-tip ta' kawżi – u dan in-nuqqas għandu jkollu relevanza għall-għanijiet tal-ispejjeż. Madankollu jista' jingħad li r-rikors fih il-premessi ta' fatt li fuqhom l-ewwel qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha mingħajr ma b'hekk tmur *extra* jew *ultra petita*.

24. Dawn iż-żewġ aggravji huma għalhekk miċħuda.

25. Ir-raba' aggravju jolqot il-perjodu relevanti li matulu seħħ il-ksur, u ġie mfisser hekk:

> »Ir-Raba' Aggravju – Mingħajr preġudizzju, jekk l-aggravji preċedenti ma jintlaqgħux, xorta waħda ma setax jingħata kumpens minn qabel ma l-fond ġie għand l-antekawża tar-rikorrenti
>
> »Mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, u jekk dina l-qorti kellha tiskartahom, l-esponent iqis illi l-ewwel qorti xorta waħda kienet skorretta illi tillikwida kumpens lura sal-1987, għaliex huwa prinċipju stabbilit illi l-werrieta jistgħu jitolbu biss kumpens sakemm il-fond kien għand l-antekawża tagħhom, u l-kirja kienet dovuta lilu, u mhux sa minn qabel (*vide* sentenza fl-ismijiet <u>Joseph Baldacchino *v.* l-Avukat tal-Istat *et*</u> deċiża fil-31 ta' Mejju 2022 (186/2020); sentenza fl-ismijiet <u>Joseph Grech *v.* l-Avukat tal-Istat *et*</u> (19/2021) deċiża fl-14 ta' Lulju 2022 u sentenza fl-ismijiet <u>Rita Falzon *v.* Dun Saverin Cutajar *et*</u> (62/2020) deċiża fit-30 ta' Marzu 2022 mill-Qorti Kostituzzjonali).
>
> »L-antekawża tar-rikorrenti appellati, u *cioè* s-Sur John Mercieca, akkwista l-fond fl-1 ta' Diċembru 2002 permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni, wara li skont l-istess dokument huwa kien wiret dan mingħand ommu fit-23 ta' Lulju 2000.
>
> »Għalhekk, ebda kumpens ma jista' jkun dovut lill-appellati minn qabel ma l-antekawża tagħhom kellu d-dritt li jirċievi l-kirja tal-fond huwa stess.

> »Fl-eventwalità li tiġi aċċettata l-kunsiderazzjoni tal-ewwel qorti, jibbasta għas-sid tal-fond li juri li l-fond f'xi data partikolari għaddha għandu u mhux li l-fond għaddha għandu mill-antekawża tiegħu u li l-patrimonju tal-antekawża ġie mnaqqas minħabba l-liġijiet li kienu viġenti dak iż-żmien. Fi kliem ieħor, il-qrati jkunu qiegħdin jagħtu kumpens għal żmien meta r-rikorrent ċertament ma kellu ebda dritt patrimonjali, miżura li ċertament hija illoġika u li hija dijametrikalment opposta għall-istitut ta' possediment u interess ġuridiku. Għaldaqstant dina l-qorti hija mitluba illi tirrovexxa bi sħiħ ir-raġunament tal-ewwel qorti.«

26. Meta nħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni fis-7 ta' Jannar 1974 il-proprjetà li dwarha saret il-kawża kienet ta' Emanuel u Giovanna Mercieca, il-ġenituri ta' John Mercieca, ziju tal-atturi. Emanuel miet fis-7 ta' Diċembru 1968 u Giovanna mietet fit-23 ta' Lulju 2000, u wirithom, flimkien ma' ħutu, John Merceica. Bis-saħħa ta' kuntratt ta' qsim tal-wirt tat-2 ta' Diċembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, il-proprjetà messet lil John Mercieca. John Mercieca miet fl-1 ta' Lulju 2021 u l-atturi huma l-werrieta tiegħu.

27. John Mercieca bħala werriet tal-ġenituri tiegħu kompla l-personalità tagħhom u kiseb id-drittijiet tagħhom. Għalkemm il-fond kien ġie assenjat lil John Mercieca bil-kuntratt tat-2 ta' Diċembru 2022, hu jitqies bħala suċċessur waħdu u dirett tal-proprjetà fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 946 tal-Kodiċi Ċivili[4]. Imbagħad l-atturi bħala werrieta ta' John Mercieca komplew il-personalità tiegħu bid-drittijiet ukoll li huwa kiseb mingħand il-ġenituri tiegħu. Il-patrimonju li John Mercieca kiseb mingħand il-ġenituri tiegħu, u li mbagħad l-atturi kisbu mingħandu, kien anqas milli kien ikun likieku f'dak il-patrimonju daħal ħlas ta' kera b'rata kummerċjali flok b'rata kontrollata.

---

[4] **946**. Kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur waħdu u dirett fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu, jew li messu lilu b'liċitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjeta' tal-beni l-oħra tal-wirt.

It-telf għalhekk ġarrbuh l-atturi wkoll. Huwa biss il-kumpens non-pekunjarju li ma jintiritx. Telf pekunjarju jintiret. Dan għaliex, bħala suċċessuri universali, il-werrieta jġarrbu d-danni direttament meta l-patrimonju li jirtu jkun anqas milli kien ikun li kieku dak il-patrimonju ma ġarrabx dawk id-danni. L-atturi wirtu mhux tant id-dritt fundamentali tal-awturi fit-titolu tagħhom, iżda d-danni patrimonjali billi l-patrimonju li wirtu kien anqas milli kien ikun li kieku f'dak il-patrimonju daħlet il-kera b'rata kummerċjali flok b'rata kontrollata.

28. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew meta llikwidat il-kumpens patrimonjali b'seħħ mit-30 t'April 1987. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

29. L-aħħar aggravju jolqot l-ispejjeż ġudizzjarji, u li ġie mfisser hekk:

> »Il-Ħames Aggravju – L-Avukat tal-Istat ma kellux ibati l-ispejjeż ġudizzjarji
>
> »Ir-raba' [*recte*, il-ħames] aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel qorti ma kinitx korretta meta ordnat li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jitħallsu mill-appellant Avukat tal-Istat u dan fid-dawl tal-aggravji fuq elenkati.
>
> »Mingħajr preġudizzju, anke li kieku l-aggravji fuq elenkati ma kellhomx jintlaqgħu, xorta waħda l-esponent iqis illi huwa ma għandux jiġi akkoljat l-ispejjeż kollha, u dan abbażi tan-nuqqas ta' vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni liema talba ċertament żiedet l-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża.
>
> »Il-Qorti Kostituzzjonali diġà kellha l-opportunità illi tikkunsidra dan riċentement fid-deċiżjoni mogħtija fl-appell bin-numru 112/2020 fl-ismijiet <u>Cilia Scapellato *v.* AS *et*</u>, fejn naqqset l-ispejjeż li kellhom jitħallsu mill-Avukat tal-Istat wara li qieset:
>
> > »"40. Il-qorti tqis illi dan l-aggravju huwa ġustifikat. Ġaladarba hemm eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat illi qed jiġu milqugħa, il-qorti tqis illi l-Avukat tal-Istat m'għandux iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża quddiem l-ewwel qorti. Għaldaqstant il-qorti tqis illi l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-ewwel qorti, inkluż dawk tal-konvenuta Sammut, għandhom jitħallsu in kwantu għal 25% mill-attriċi u in kwantu għal 75% mill-Avukat tal-Istat."«

30. Huwa minnu illi l-atturi talbu wkoll sejbien ta' ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni meta l-art. 47(9) igħid ċar illi "ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962" u għalhekk, kif igħid l-art. 223 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, għandhom jeħlu sehem mill-ispejjeż. Barra minn hekk, fid-dawl ta' dak li ngħad fil-para. 23 ta' din is-sentenza, huwa meħtieġ inċentiv biex rikorsi kostituzzjonali jkunu mfasslin b'aktar attenzjoni flok jitħalla għall-qorti biex "bi flessibilità" ssewwi l-iżbalji tal-partijiet.

31. Il-qorti għalhekk sejra tordna li l-atturi jħallsu sehem mill-ispejjeż, *oltre* dawk tal-Awtorità tad-Djar, li nħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju u għalhekk kienet imħarrka għalxejn.

32. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha biss fil-kap tal-ispejjeż u tikkonfermaha fil-bqija. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar iħallsuhom l-atturi. L-ispejjeż l-oħra, tal-ewwel grad u tal-appell, jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsuh l-atturi u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da